

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/374

tat-13 ta' Frar 2023

dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ġerti partijiet tar-rota li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97

(notifikata bid-dokument C(2023) 901)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/45 tal-20 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1379 dwar l-estensjoni tad-dazju tal-anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ġerti komponenti tar-roti li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 (²).

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' wħud mill-partijiet tar-rota li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 71/97 tal-Kunsill, tad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 2474/93 tal-Kunsill (³), u b'mod partikolari l-Artikoli minn 4 sa 7 tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

- (1) Id-dazju anti-dumping japplika fuq l-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") ("id-dazju estiż") bħala riżultat tal-estensjoni tad-dazju anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li jorġinaw miċ-Ċina permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 (⁴).
- (2) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 71/97, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-miżuri meħtieġa biex tawtorizza l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li ma jevitawx id-dazju anti-dumping.
- (3) Dawn il-miżuri ta' implementazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 88/97 ("ir-Regolament ta' eżenzjoni") li jistabbilixxi s-sistema ta' eżenzjoni speċifika.
- (4) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni eżentat mid-dazju estiż għadd ta' impriżi tal-assemblaġġ tar-roti.

(¹) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

(²) ĠU L 16, 21.1.2020, p. 7.

(³) ĠU L 17, 21.1.1997, p. 17.

(⁴) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997 li jestendi d-dazju anti-dumping definitiv impost mir-Regolament (KE) Nru 2474/93 fuq bċikletti li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ġerti partijiet ta' bċikletti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li jimponi d-dazju estiż fuq dawn l-importazzjonijiet reġistrati taħt ir-Regolament (KE) Nru 703/96 (ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55).

- (5) Kif previst fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea listi sussegwenti tal-partijiet eżentati (⁹).
- (6) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1461 (⁹) l-aktar reċenti dwar l-eżenzjonijiet skont ir-Regolament ta' eżenzjoni kienet adottata fis-26 ta' Awwissu 2022.
- (7) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.
- (8) F'Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet mingħand il-kumpanija Portugiża Sangal - Indústria de Veículos Lda ("Sangal") ("il-kumpanija") talba għal bidla fir-referenzi tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni mogħtija bil-kodiċi addizzjonali TARIC A407 bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/899/KE (⁹).
- (9) B'mod partikolari, Sangal talbet li l-isem tagħha jinbidel għal Sangal E-bike Manufacturing Lda u l-indirizz legali tagħha għal Żona Industrial Da Mota Rua 7, lote A11 Gafanha Da Encarnaçāo, 3830-527 Gafanha Da Encarnaçāo, il-Portugall.
- (10) Madankollu, il-valutazzjoni tal-merti tat-talba uriet li l-kumpanija biddlet mhux biss isimha u l-indirizz tagħha, iżda wkoll is-sjeda u, l-aktar importanti, l-attivitajiet ta' assemblaġġ tagħha, peress li Sangal bdiet timmonta eskuživament roti mgħammra b'mutur awżiljarju ("roti elettriċi").
- (11) F'Jannar 2019 Sangal ikkonfermat li l-kumpanija kienet qed timmonta roti elettriċi biss, iżda indikat li l-bidu mill-ġdid tal-assemblaġġ ta' roti konvenzjonali kien ippjanat għall-2019. Għalhekk, Sangal talbet lill-Kummissjoni biex tikkunsidra lil Sangal bħala assemblatur kemm ta' roti konvenzjonali kif ukoll ta' roti elettriċi ("assemblatur ibridu") u biex tikkonċed l-bidla mitluba tar-referenzi tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni abbażi tal-assemblaġġ ippjanat ta' roti konvenzjonali.
- (12) Għalhekk, il-Kummissjoni ssospendiet il-valutazzjoni tat-talba għall-bidla tar-referenzi sabiex Sangal tkun tista' tipprovd evidenza adegwata tal-assemblaġġ ta' roti konvenzjonali.
- (13) F'Ottubru 2022, Sangal tenniet it-talba għall-bidla fir-referenzi tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni msemmija fil-premessa(⁸) billi argumentat li l-Amministrazzjoni Doganali Portugiża rilevanti enfasizzat lill-kumpanija li r-referenzi tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni kif mogħtija mill-Kummissjoni ma kinux jikkorrispondu ma' dawk tal-kumpanija li kienet qed timporta l-komponenti tar-roti b'eżenzjoni.
- (14) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni talbet lil Sangal biex tipprovd evidenza li hija assemblat roti konvenzjonali kif ġie kkomunikat fl-2019.

(⁹) ĠU C 45, 13.2.1997, p. 3, ĠU C 112, 10.4.1997, p. 9, ĠU C 220, 19.7.1997, p. 6, ĠU L 193, 22.7.1997, p. 32, ĠU L 334, 5.12.1997, p. 37, ĠU C 378, 13.12.1997, p. 2, ĠU C 217, 11.7.1998, p. 9, ĠU C 37, 11.2.1999, p. 3, ĠU C 186, 2.7.1999, p. 6, ĠU C 216, 28.7.2000, p. 8, ĠU C 170, 14.6.2001, p. 5, ĠU C 103, 30.4.2002, p. 2, ĠU C 35, 14.2.2003, p. 3, ĠU C 43, 22.2.2003, p. 5, ĠU C 54, 2.3.2004, p. 2, ĠU L 343, 19.11.2004, p. 23, ĠU C 299, 4.12.2004, p. 4, ĠU L 17, 21.1.2006, p. 16, ĠU L 313, 14.11.2006, p. 5, ĠU L 81, 20.3.2008, p. 73, ĠU C 310, 5.12.2008, p. 19, ĠU L 19, 23.1.2009, p. 62, ĠU L 314, 1.12.2009, p. 106, ĠU L 136, 24.5.2011, p. 99, ĠU L 343, 23.12.2011, p. 86, ĠU L 119, 23.4.2014, p. 67, ĠU L 132, 29.5.2015, p. 32, ĠU L 331, 17.12.2015, p. 30, ĠU L 47, 24.2.2017, p. 13, ĠU L 79, 22.3.2018, p. 31, ĠU L 171, 26.6.2019, p. 117, ĠU L 138, 30.4.2020, p. 8, ĠU L 158, 20.5.2020, p. 7, ĠU L 325, 7.10.2020, p. 74, ĠU L 140, 23.4.2021, p. 1., ĠU L 83, 10.3.2022, p. 39, ĠU L 102, 30.3.2022, p. 16, ĠU L 229, 5.9.2022, p. 69.

(⁸) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1461 tas-26 ta' Awwissu 2022 dwar l-eżenzjonijiet mid-dazu anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 (ĠU L 229, 5.9.2022, p. 69).

(⁹) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/899/KE tat-28 ta' Novembru 2003 li tagħti (tikkonċed) lil ċerti partijiet eżenzjoni mill-estensjoni għal ċerti partijiet ta' roti, bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97, ta' dazju kontra l-iddampjar fuq roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2474/93, u miżiżum bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1524/2000, u li tnethha s-sospensijni tal-pagament tad-dazju kontra l-iddampjar estiż għal ċertu partijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mogħtija lil ċerti partijiet skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 101).

- (15) Minkejja dan, f'Ottubru 2022, il-kumpanija infurmat lill-Kummissjoni li l-immuntar ta' roti konvenzjonali kien għadu ma bediex, allegatament minħabba nuqqas ta' provvista ta' komponenti tar-roti. Madankollu, minflokhom, Sangal assemblat roti elettriċi. Sangal affermat ukoll li se tibda l-immuntar ta' roti konvenzjonali sas-sena 2022 attwali.
- (16) Il-Kummissjoni tinnota li skont ir-Regolament ta' eżenzjoni, waħda mill-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika mill-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni hija li l-assemblaturi jridu jużaw il-partijiet tar-roti mixtrija b'eżenzjoni biex jarmaw roti konvenzjonali. Barra minn hekk, l-assemblaturi ibridi (jiġifieri l-assemblaturi kemm tar-roti konvenzjonali kif ukoll tar-roti elettriċi) jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-użu tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni. Madankollu, il-partijiet li jassemblaw ir-roti elettriċi eskluziżiavent ma jistgħux jibbenefikaw mill-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni mogħtija skont ir-Regolament ta' eżenzjoni. Dawn il-partijiet jenħtieġ li joperaw taħt awtorizzazzjoni għall-użu aħħari *ad hoc* li tingħata skont il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jibbenefikaw minnha.
- (17) Fid-dawl ta' dan, Sangal ma jistax jitqies bħala assemblatur ibridu. Il-Kummissjoni tat-żmien raġonevoli lill-kumpanija biex terġa' tibda l-assemblaġġ ta' roti konvenzjonali u naqset milli tagħmel dan. Għaldaqstant, it-talba għal bidla fir-referenzi kif imsemmijin fil-premessi (8) u (9) jenħtieġ li tiġi miċħuda.
- (18) Barra minn hekk, Sangal ma għadhiex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni mogħtija skont ir-Regolament ta' eżenzjoni. Għaldaqstant, l-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni għal Sangal, imsemmija fil-premessa (8), jenħtieġ li tiġi rtirata. It-talba għal bidla tal-isem imsemmija fil-premessa (9) għaldaqstant taqa'.
- (19) Fid-9 ta' Diċembru 2022 intbagħtet lil Sangal id-divulgazzjoni tal-konstatazzjonijiet ta' hawn fuq li abbażi tagħhom kien maħsub li tiġi proposta l-adozzjoni ta' Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta t-talba għall-bidla fir-referenzi u li tirtira l-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni.
- (20) Wara d-divulgazzjoni, fid-19 ta' Diċembru 2022 Sangal ikkonfermat li matul dawn l-aħħar erba' snin l-assemblaġġ ta' roti konvenzjonali qatt ma beda. Il-kumpanija invokat iċ-ċirkostanzi eċċeżżjoni tas-suq, bħalma huma ż-żieda sostanzjal fid-domanda għar-roti elettriċi, filwaqt li fl-istess ħin kien hemm żieda sinifikanti fl-ispiża tat-trasport tal-merkanzija flimkien maż-żmien meħtieġ twil għall-konsenza tal-partijiet, filwaqt li l-kumpanija kienet għadha fil-fażi tal-bidu u qed tagħmel it-telf.
- (21) Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li ż-żieda fid-domanda għar-roti elettriċi mhijiex rilevanti f'din il-valutazzjoni. Barra minn hekk, ma ġiet ippreżżentata l-ebda evidenza minn Sangal fir-rigward taċ-ċirkostanzi eċċeżżjoni invokati, bħaż-żmien meħtieġ twil għall-konsenza tal-partijiet. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni nnotat li skont ir-rapport tal-Bażi tad-Data Ewropea 14(6), il-volum tal-komponenti tar-roti mixtrija minn Sangal ż-died b'mod sinifikanti matul l-aħħar erba' snin u saħansitra rdoppja fl-2022.
- (22) Barra minn hekk, Sangal sostniet li se tkun fil-proċess li tiffinalizza ordni ta' xiri ma' kumpanija relatata li, jekk tiġi kkonfermata, twassal għall-assemblaġġ ta' madwar 4 000 rota konvenzjonali li għandhom jiġi kkunsinjati matul l-2023. Għaldaqstant, Sangal talbet lill-Kummissjoni biex tagħti aktar żmien biex tipprova li l-kumpanija tista' titqies bħala assemblatur ibridu.
- (23) Il-Kummissjoni nnotat li skont l-attivitàjet attwali ta' assemblaġġ ta' Sangal, il-kumpanija ma tistax titqies bħala assemblatur ibridu. Barra minn hekk, il-fatt li Sangal se tinnegożja ordni ta' produzzjoni għal roti konvenzjonali fil-futur ma jaffettwax l-attività attwali tagħha, li hija s-suġġett ta' dan l-eżami. Fil-fatt, jekk l-attività futura ta' assemblaġġ ta' roti konvenzjonali tiġi kkonfermata, din ikollha biss effett prospettiv fuq il-prestazzjoni tal-kumpanija.
- (24) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li din id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni ma tipprekludix lil Sangal milli tressaq tal-baġa għida għal awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni fil-futur, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament ta' eżenzjoni.
- (25) Għal dan ta' hawn fuq, il-konstatazzjonijiet tal-eżami tat-talba kif imsemmi fil-premessa (18) huma kkonfermati, u t-talba ta' Sangal ġiet miċħuda,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

It-talba għal bidla fir-referenzi tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni mogħtija bid-Deċiżjoni 2003/899/KE lill-parti elenkata fit-tabella ta' dan l-Artikolu hija b'dan miċħuda.

Il-parti li għaliha l-bidla fir-referenzi hija miċħuda

Kodiċi addizzjonalni TARIC	Isem	Indirizz
A407	Sangal - Indústria de Veículos Lda	Rua do Serrado - Apartado 21 3781-908, Sangalhos - Portugal

Artikolu 2

L-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni mogħtija bid-Deċiżjoni 2003/899/KE lill-parti elenkata fit-tabella ta' dan l-Artikolu hija b'dan irtirata.

Il-parti li għaliha l-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni hija rtirata

Kodiċi addizzjonalni TARIC	Isem	Indirizz
A407	Sangal - Indústria de Veículos Lda	Rua do Serrado - Apartado 21 3781-908, Sangalhos - Portugal

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-Parti elenkata fl-Artikolu 2 u ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ man-notifika tagħħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni
Valdis DOMBROVSKIS
Viċi President Eżekuttiv